28 ta' Mejju, 1954.

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Carmelo Alberto Tabone** *versus* **Salvatore Guillaumier pr. et ne.** (*)

## Użi Kummerċjali — Bejgħ ta' Ramel.

*Fil-bejgh ta' ramel li jiġi fuq bastiment minn barra huwa użu illi, meta dak ir-ramel ma jinbiegħx bi ftehim li għandu jiġi peżat, il-venditur u l-kumpratur jeqogħdu fuq il-piż indikat fir-rapport tal-kaptan tal-bastiment.* ***Meta*** *jsir il-ftehim li r-ramel jiġi peżat, ikun preżenti rappreżentant tal-kaptan għall-peżament tiegħu.*

---

(*) Ceduta fl-Appell 25 ta' Ottubru 1954.

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi, fuq ordni tal-konvenut, huwa importa għall-istess konvenut u kkonsenjalu għoxrin tunellata ramel bil-prezz ta' £1. 10. 0 kull tunellata; u li l-prezz tal-bejgħ, bl-ispejjeż u bil-kummissjoni, jammonta komplessivament għal £45. 12. 0; u li l-konvenut ma ħallasx din issomma; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-imsemmija somma ta' £45. 12. 0, bl-imgħax kummerċjali mit-22 ta' Awissu 1952 sad-data tal-pagament, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru 1952;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottomettà illi huwa rċieva minn għand l-attur ħmistax il-tunellata ramel u mhux għoxrin tunellata; illi huwa offra l-ħlas għall-imsemmijin ħmistax il-tunellata ramel, iżda l-attur irrifjuta; illi huwa offra li jħallas l-ispejjeż fuq ħmistax il-tunellata ramel li fil-fatt irċieva, iżda l-attur ma aċċettax;

*Omissis;*

Tikkunsidra:

Illi l-attur biegħ lill-konvenut ir-ramel, li wasal Malta minn Licata fuq il-motoveljer "Peppino" fit-28 ta' Lulju 1952, u li skond il-manifest tal-kaptan ta' l-imsemmi motoveljer, Antonino Bertino, kien jiżen għoxrin tunellata. L-attur qal lill-konvenut illi skond l-imsemmi rapport tal-kaptan kien hemm għoxrin tunellata ramel, u l-prezz ġie stabbilit £1. 10. 0 għal kull tunellata;

Illi l-konvenut jallega li huwa wiżen ir-ramel u sab ħmistax il-tunellata biss........... Meta sar l-użin fir-"Refuse Disposal Centre", ma kienx preżenti l-attur jew xi rappreżentant tiegħu, u lanqas il-kaptan tal-veljer jew xi rappreżentant ta' dan;

Tikkunsidra;

Illi huwa użu fil-bejgħ ta' ramel li jiġi fuq bastiment minn barra illi meta dak ir-ramel ma jinbiegħx bi ftehim li għandu jiġi peżat, il-venditur u l-kumpratur joqgħodu fuq il-piż indikat fir-rapport tal-kaptan tal-bastiment. Basta huma l-kumpraturi li ma jiżnuhx, biex jiffrankaw l-ispiża relattiva. Meta jsir il-ftehim li r-ramel jiġi peżat, ikun preżenti

rappreżentant tal-kaptan għall-pużament tiegħu (fol. 23 tergo, 24 tergo, 34, 37 u 37 tergo, 57 tergo u 58);

Illi fil-każ preżenti ma jirriżultax soddisfaċentement li kien hemm il-ftehim li r-ramel kellu jiġi pużat, għax il-konvenut qal lill-attur li ried li r-ramel jintiżen (fol. 25 tergo u fol. 48). L-istess konvenut jammetti li huwa ma qalx lill-attur li ried jiżen ir-ramel (fol. 57);

Illi, però, kif ġa fuq ġie rilevat, il-konvenut wiżnu, u jgħid li sab tnaqqis fit-tunellata. Fil-mument ta' l-użin ma kienx hemm l-attur jew xi rappreżentant tiegħu, jew il-kaptan jew xi rappreżentant ta' dan; għaliex il-konvenut ma qalx li kien sejjer jiżen ir-ramel. Francesco Portelli, bin il-foreman li jaħdem għall-attur, u li jassisti lill-impjegati tiegħu, xehed illi qabel ma jibda jiskarika l-merkanzija, trattandosi ta' ramel, jistaqsi lil min jiġi biex jirtiraha jekk iridx jiżinha, u fil-każ li jirrispondi affermativament javża lill-kaptan biex dan jibgħat lil xi ħadd minn ta' l-ekwipaġġ tiegħu ħalli jibgħad jiġiblu "l-karti tal-piż" (fol. 37 tergo u fol. 38). L-istess Francesco Portelli aġġunga li l-konvenut ma qallux li ried jiżen, u li, kieku qallu, kien jieħu ħsieb li jsir l-użin (fol. 38);

Illi — u dan ukoll għandu jiġi notat — mid-depożizzjoni ta' Antonio Vella (fol. 64 u fol. 74 tergo) jirriżulta li ma ġiex pużat ir-ramel kollu, imma "truck wieħed biss", jiġifieri t-tagħbija ta' l-ewwel vjaġġ;

Illi għaldaqstant wieħed ma jistax proprjament joqgħod fuq il-piż indikat mill-konvenut; l-għaliex, għalkemm huwa veru li mhux possibili li jkun hemm differenza ta' ħames tunellati, jew ftit anqas, bejn it-tagħbijiet tat-tieni żewġ vjaġġi u dik ta' l-ewwel vjaġġ, seta' però jagħti l-każ li kien hemm xi differenza fil-kwantità mgħobbija fid-diversi vjaġġi;

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut lanqas ma avża immedjatament lill-attur bid-differenza li jgħid li sab fil-piż. Stenna li jirċievi l-kont ta' l-attur, jiġifieri ħafna jgħaddu żbatax-il ġurnata fol. 8 u fol. 10). Ipprova jiġġustifika dan id-dewmien tiegħu billi qal li ma kienx jaf fejn joqgħod l-attur (fol. 57), u allura stenna l-kont tiegħu — skuża li ma tantx hi aċċettabili, għaliex hija ħaġa

wisq evidenti illi, kieku ried, kellu l-mezz li jsib l-attur anki dak inhar stess;

Illi del resto, il-konvenut lanqas ma nforma lill-attur bl-imsemmija defiċjenza kif irċieva l-kont, imma ħalla jgħaddu tliet ġimgħat oħra (fol. 10 u fol. 11). Anki in rigward ta' dan id-dewmien huwa pprova jiġġustifika ruħu billi qal li ried jagħmel xi verifikazzjonijiet riferibilment għal xi spejjeż (fol. 57 tergo). Anki din l-iskuża tidher inaċċettabili; l-ewwelnett għaliex dawk il-verifikazzjonijiet setgħu saru fi żmien wisq iqsar, u mbagħad seta' javża immedjatament lill-attur bid-defiċjenza, u jgħaddi biex jagħmel l-imsemmijin verifikazzjonijiet billi, okkorrendo, javża wkoll lill-attur li kien qiegħed jagħmel dawk ir-riċerki;

Illi intant l-attur kien ħallas skond il-piż indikat fir-rapport tal-kaptan, jiġifieri għal għoxrin tunnellata. Dan id-dewmien inġustifikat da parti tal-konvenut kien ikun ta' preġudizzju għall-attur, u kull dannu minnu derivanti, fiċ-ċirkustanzi fuq rilevati, kien ikollu, b'ġustizzja, jaqa' fuq l-istess konvenut;

Illi jirriżulta, inoltre, illi l-konvenut lanqas ma qajjem mill-ewwel il-kwistjoni dwar il-piż, imma wara li kien qonqal il-kwistjoni surriferita dwar il-"landing charges", li ġiet appjanata billi l-konvenut aċċetta li jħallas, għaliex, kif huwa stess xehed, kienu ġew emanati xi regolamenti ġodda (fol. 79). Kien in segwitu li l-konvenut semma d-defiċjenza ta' ħames tunellati u ried iħallas għal ħmistax-il tunellata biss, bl-ispejjeż relativi (dep. ta' Dott. Ganado fol. 78 u fol. 78 tergo);

Illi fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ fuq rilevati, u għar-raġunijiet premessi, l-eċċezzjoni tal-konvenut ma għandhiex tiġi, la skond l-ekwità u lanqas skond il-ġustizzja, milqugħa;

U kwindi tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.